StudentBounty.com

ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u *eLearning*
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji 2011**

**IT-TIENI SENA** **IR-RELIĠJON** **Il-ĦIN: Siegħa u nofs**

**Isem:** ______________________ **Klassi:** ______________

**A. Imla l-vojt.** **(10 marki)**

**Eżempju:** L-ewwel Konċilju sar Ġerusalemm.

1. San_______________ waqqaf il-Knisja f'Malta.
2. L-evanġelisti kienu _______________.
3. L-Atti tal-Appostli jitkellem dwar il-bidu tal- _______________.
4. Id-Dar tal-Providenza waqqafha Mons Mikiel _______________.
5. Pastorali hi ittra li jikteb l-_______________ .
6. Il-_______________ hija ċelebrazzjoni.
7. Madre_______________ twieldet fis-16 ta' Awwissu 1910.
8. Il-Kelma ta' Alla nsibuha fil-_______________.
9. Is-suċċessuri tal-appostli huma l- _______________.
10. L-Atti tal-Appostli fih _______________ kapitlu.

**B. Qabbel kolonna A ma' kolonna B. (L-ewwel waħda hija eżempju)** **(10 marki)**

| | Kolonna A | | Kolonna B |
|---|---|---|---|
| **1.** | **San Luqa kien** | | il-Konċilju Vatikan II. |
| 2. | Konċilju hija laqgħa bejn | 1 | **Evanġelista.** |
| 3. | Fi żmien Ġesu` kien hemm firda | | wieħed mill-appostli. |
| 4. | San Vinċenz de Paul kien | | tlettax-il ittra. |
| 5. | San Ġakbu kien | | Ġesu` jfejqilha lil bintha. |
| 6. | Il-mara Griega riedet li | | il-Papa u l-Isqfijiet. |
| 7. | San Pawl kiteb | | bejn il-Lhud u s-Samaritani. |
| 8. | San Ġorġ Preca waqqaf | | jgħin lil min hu batut. |
| 9. | Knisja Kattolika tfisser | | is-Soċjeta` tal-Museum. |
| 10. | L-aħħar konċilju kien | | tal-Lhud fi żmien Ġesu`. |
| 11. | Ir-Rumani kienu l-ħakkiema | | mifruxa mad-dinja kollha. |

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**C. Fisser dawn il-kwotazzjonijiet.** **(1 )**

1. "L-ewwel ħa jixbgħu l-ulied, għax mhux sew li tieħu l-l-ħobż tal-ulied u tixħtu lill-ġriewi." (Mark 7, 27)



______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

2. "Mhux dawk li huma b'saħħithom għandhom bżonn it-tabib, iżda l-morda."

(Luqa 5, 31)

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

3. "Issa ma hemmx iżjed Lhudi u anqas Grieg, ma hemmx ilsir u anqas ħieles, ma hemmx raġel u anqas mara; għax intom ilkoll ħaġa waħda fi Kristu."

(Gal 3, 28)

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

4. "Dawk kollha li kienu jemmnu kienu ħaġa waħda, u kienu jaqsmu kollox bejniethom, ibiegħu ġidhom u kull ma kellhom u jqassmu d-dħul bejn kulħadd, skont il-ħtieġa ta' kull wieħed."

(Atti 2, 44-45)

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

5. "U kuljum kienu jmorru t-tempju flimkien, jaqsmu l-ħobż fi djarhom u jissieħbu fi qlub ferħana u safja."

(Atti 2, 46)

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**D. Waqt il-Quddiesa aħna nistqarru l-ħtijiet tagħna fl-Att Penitenzjali.** )
**Imla l-vojt biex turi f'liema parti tal-quddiesa nagħmlu dan li ġej:**

1. Fil-bidu tal-Quddiesa nfaħħru lil Alla permezz tal-____________________.
2. Wara l-ewwel qari nfaħħru lil Alla permezz tas-____________________.
3. Nisimgħu dak li Ġesu` jrid jgħidilna fl-____________________.
4. Is-saċerdot jispjega l-Kelma t'Alla waqt l-____________________.
5. Flimkien mas-saċerdot nistqarru l-fidi tagħna fil-____________________.
6. Nitolbu lil Alla l-bżonnijiet tagħna b'talbiet qosra li jissejħu t-____________________.
7. Noffru lilna nfusna flimkien mal-ħobż u l-inbid waqt l-____________________.
8. Il-ħobż u l-inbid isiru l-Ġisem u d-Demm ta' Ġesu` waqt il-____________________.
9. Ngħidu flimkien it-talba li għallimna Ġesu` fil-____________________.
10. Nirċievu lil Ġesu` fina fit-____________________.

---

**E. Wieġeb dawn il-mistoqsijiet.** **(20 marka)**

1. F'liema żewġ taqsimiet tinqasam il-Quddiesa?

   a) ______________________________ b) ______________________________

2. Meta tibda s-Sena Liturġika u meta tispiċċa?

   a) ______________________________ b) ______________________________

3. Semmi żewġ affarijiet li jiġru minħabba nuqqas ta' komunikazzjoni.

   a) ______________________________ b) ______________________________

4. Liema żewġ sagramenti waqqaf Ġesu` fl-Aħħar Ċena?

   a) ______________________________ b) ______________________________

5. Semmi żewġ appostli.

   a) ______________________________ b) ______________________________

6. Semmi żewġ pubblikani.

   a) ______________________________ b) ______________________________

7. Semmi żewġ mirakli li għamel Ġesu`.

   a) ______________________________ b) ______________________________

8. Semmi żewġ kuluri li jilbes il-qassis waqt il-quddiesa.

   a) ______________________________ b) ______________________________

9. Semmi żewġ parabboli li qal Ġesu`.

   a) ______________________________ b) ______________________________

10. Semmi żewġ kotba mit-Testment il-Ġdid.

   a) ______________________________ b) ______________________________

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

**F. Aqra din is-silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet.**

StudentBounty.com

F'dawk il-jiem l-għadd tad-dixxipli kien qiegħed jiżdied; għalhekk sar xi tgergir mil-Lhud kontra l-Lhud, għax dehrilhom li ma kienx hemm min jieħu ħsieb ir-romol tagħhom fil-ministeru kuljum. Għalhekk it-Tnax sejħu l-ġemgħa tad-dixxipli u qalulhom: “Mhux sewwa li aħna nħallu l-Kelma t’Alla biex naqdu fl-imwejjed. Mela, l-aħwa, ħudu ħsieb u agħżlu minn fostkom sebat irġiel li għandhom isem tajjeb u li huma mimlijin bl-Ispirtu u bl-għerf, u nħallu din il-ħidma f'idejhom. U aħna nagħtu ruħna għat-talb u għall-ministeru tal-kelma.” Dan il-kliem għoġob lill-ġemgħa kollha; u għażlu lil Stiefnu, bniedem mimli bil-fidi u bl-Ispirtu s-Santu, lil Filippu, lil Prokoru, lil Nikanor, lil Timon, lil Parmena, u lil Nikola, prosèlita minn Antijokja. Lil dawn ressquhom quddiem l-appostli, li talbu u qiegħdu jdejhom fuqhom. U l-kelma ta' Alla kienet tixtered dejjem aktar; l-għadd tad-dixxipli kien jiżdied ħafna f'Ġerusalemm, u kotra kbira ta' qassisin kienu joqogħdu għall-fidi.

(Atti 6, 1-7)

1. Minn min sar it-tgergir?

_______________________________________________

2. Għaliex sar dan it-tgergir?

_______________________________________________

3. Min huma t-Tnax?

_______________________________________________

4. Kif solvewha din il-problema?

_______________________________________________

5. Kemm għażlu djakni?

_______________________________________________

6. X’kellu jkun ix-xogħol ta’ dawn id-djakni?

_______________________________________________

7. Semmi tnejn mis-seba’ djakni.

_______________________________________________

8. Minn liema ktieb hi meħuda din is-silta?

_______________________________________________

9. Min kiteb il-ktieb li minnu hi meħuda din is-silta?

_______________________________________________

10. X’kienu jagħmlu l-ewwel Insara bil-ġid li kien ikollhom?

_______________________________________________

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

**G. Wieġeb.** **(1...)**

1. Irrakkonta l-istorja ta' **Filippu u l-uffiċjal mill-Etjopja** f'madwar **50 kelma**.

Dan il-kliem jista' jgħinek: *Gaża, deżert, uffiċjal mill-Etjopja, Ktieb ta' Isaija, ilma.*

2. Ikteb x'taf dwar il-ġrajja ta' Għid il-Ħamsin f'madwar **50 kelma**.

3. Ikteb madwar **50 kelma** biex turi kif fik hemm jgħammar l-Ispirtu s-Santu fil-mod kif iġġib ruħek fil-familja u ma' sħabek.

**Tmiem il-Karta**

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers